# Il-Ħadd 10.05.2015

1. Illum 10/05, **is-Sitt Ħadd tal-Għid** – ***Jum l-Omm***:
   - Fil-10:00am, Quddiesa li fiha l-Ommijiet mistiedna jġibu fjura magħhom biex joffruha lil Ommna Marija;
   - Fis-6:00pm, Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.

2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 11/05: Triq Tarsu, Triq Ta' Rqajja', Triq Bieb il-Ġarra
   - It-Tlieta 12/05: Triq l-Ibraġ, Triq San Ġwann
   - L-Erbgħa 13/05: Triq Dun Ġużepp Caruana, Misraħ il-Knisja,
     Triq Dun Karm Vella.

   Infakkar lil dawk li għadhom ma mlewx il-formola li kellha tinġabar lura fit-Tberik sabiex jagħmlu dan u jimpustawha fil-*letterbox* tad-Dar Parrokkjali mill-aktar fis.

3. Il-Ħamis 14/05:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: ikollna Quddiesa u Preżentazzjoni mill-*Atelier del Restauro* dwar ir-Restawr tal-istatwa ta' San Pawl fl-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù, l-Mosta, u wara nmorru nżuru l-Laboratorju stess fejn inkunu nistgħu nosservaw il-proċess innifsu. Wara *Coffee Morning* f'Tas-Sliema. Tluq fit-8:30am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - Fis-7:15pm ser issir Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof matul din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.
   - Fit-7:45pm tiltaqa' il-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 16/05:
   - Mid-9:30am sa' 12:30pm, ser issir Konferenza bit-tema ***'Communicating the Family'*** fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Famlja fis-Sala San Ġorġ Preca, ġewwa l-Istitut Kattoliku, Floriana.
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-kummissjoni Familja biex isiru l-preparamenti meħtieġa.

5. Il-Ħadd 17/05, **is-Seba' Ħadd tal-Għid – Lapsi** u *Jum il-Komunikazzjoni Soċjali*:

6. Avviżi oħra:
   - Il-Kunsill Lokali se jorganizza trasport u żjara b'xejn għall-*Food Festival* li ser jiġi organizzat il-Ġimgħa 15/06 u s-Sibt 16/06 f'Dar il-Mediterran. It-Trasport jitlaq is-Sibt 16/05 fis-1:00pm mill-pjazza. Booking u aktar informazzjoni jinkisbu mill-uffiċċju tal-istess Kunsill.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 305 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr ta' San Pawl;
   - € 455 bl-istess għanijiet;
   - € 45 bħala għajnuna għal dawk li qed isoffru mit-terremot tan-Nepal, fl-Indja.

   Grazzi mill-qalb.